Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Jannar 2024
(OR. en)

16970/23
PV CONS 71
ENV 1526
CLIMA 664

**ABBOZZ TA' MINUTI**

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

(Ambjent)

18 ta' Diċembru 2023

**1. Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 16668/23.

**2. Approvazzjoni tal-punti "A"**

**a) Lista mhux leġiżlattiva** 16672/23

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

**Deliberazzjonijiet leġiżlattivi**
**(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

**3. Regolament dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2019/904, u li jħassar id-Direttiva 94/62/KE** 16706/23 + COR 1 REV 1 + COR 2
*Approċċ ġenerali*

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar ir-Regolament dwar l-Imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ kif rifless fl-eżitu tal-proċedimenti (16946/23).

Dikjarazzjoni mill-Finlandja tinsab fl-Anness ta' dawn il-minuti.

**4. Direttiva dwar il-Monitoraġġ u r-Reżiljenza tal-Ħamrija (Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija)** 16075/23 + COR 1
*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni abbażi ta' mistoqsijiet imħejjija mill-Presidenza, kif jinsabu fid-dokument ta' hawn fuq.

**5. Regolament dwar qafas ta' monitoraġġ għal foresti Ewropej reżiljenti** 16206/23
*Preżentazzjoni mill-Kummissjoni*
*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni abbażi ta' mistoqsijiet imħejjija mill-Presidenza, kif jinsabu fid-dokument ta' hawn fuq.

**Affarijiet oħra**

**6**. a) Rapporti dwar il-laqgħat internazzjonali reċenti ewlenin

i) It-28 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (COP 28)
(Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda, 30 ta' Novembru sat-12 ta' Diċembru 2023)
*Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni*

**b) Avveniment ta' livell għoli ddedikat għaż-Żgħażagħ u l-Azzjoni Klimatika (COP 28)** 16869/23
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Bulgara*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Bulgarija.

**c) Valutazzjoni tal-abbozzi tal-Pjanijiet Nazzjonali aġġornati għall-Enerġija u l-Klima** 16523/23
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

**d) Il-missjonijiet tal-UE ta' Orizzont Ewropa bħala għodda għall-azzjoni klimatika lokali** 16524/23
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

**e) Proposti leġiżlattivi attwali**
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

**i) Regolament li jistabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju** 15557/22 + ADD 1-2

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

**ii) Direttiva dwar il-kwalità tal-arja (riformulazzjoni)** 14217/22 + ADD 1
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

**f) Il-Greater North Sea Basin Initiative (GNSBI)** [2] 16498/23
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Netherlandiża u dik Franċiża*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija min-Netherlands u Franza.

a) (kontinwazzjoni) Rapporti dwar il-laqgħat internazzjonali reċenti ewlenin

ii) Il-ħames sessjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Maniġġar ta' Sustanzi Kimiċi (ICCM5) (Bonn, il-Ġermanja, 25 sat-30 ta' Settembru 2023) 16739/23

iii) Il-ħames laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (COP 5) għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju (Ġinevra, l-Iżvizzera, 30 ta' Ottubru sat-3 ta' Novembru 2023) 16740/23

iv) It-tielet sessjoni tal-Kumitat Intergovernattiv ta' Negozjar (INC-3) biex jiġi Żviluppat Strument Internazzjonali Legalment Vinkolanti dwar it-Tniġġis tal-Plastik (Nairobi, il-Kenja, 13 sad-19 ta' Novembru 2023) 16713/23

*Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni*

g) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Belġjana*

---

[1] L-ewwel qari

[2] Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

[C] Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

**ANNESS**

**DIKJARAZZJONI GĦALL-PUNT LEĠIŻLATTIV "B" LI JINSAB FID-DOKUMENT**

**16668/23**

| | |
|---|---|
| **Dwar il-punt "B" nru 3:** | **Regolament dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2019/904, u li jħassar id-Direttiva 94/62/KE**<br>*Approċċ ġenerali* |

**DIKJARAZZJONI MILL-FINLANDJA**

"Il-Finlandja tapprova l-approċċ ġenerali maqbul mill-Istati Membri fil-Kunsill Ambjent tat-18 ta' Diċembru 2023.

Il-Finlandja taqbel mal-miri u l-objettivi tar-regolament dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ u mal-ħtieġa li jitnaqqas l-ammont ta' skart mill-imballaġġ sabiex jintlaħqu l-miri ġenerali tal-ekonomija ċirkolari tal-UE.

Il-Finlandja tqis li filwaqt li b'mod ġenerali l-approċċ ġenerali jipprovdi bażi tajba għal aktar negozjati mal-koleġislaturi, għad hemm xi tħassib relatat mat-test. Il-Finlandja temmen li l-aktar nuqqas notevoli fl-approċċ ġenerali huwa relatat man-nuqqas ta' possibbiltà ta' deroga dwar il-miri tal-użu mill-ġdid fl-Artikoli 22 u 26 abbażi tal-valutazzjoni tal-impatti ambjentali ġenerali.

Il-prijoritizzazzjoni tal-użu mill-ġdid fuq l-użu ta' darba biss għandha tkun ibbażata fuq evidenza affidabbli u xjentifika. Il-Finlandja tara li użu ta' darba biss b'riċiklaġġ adegwat għandu jitqies bħala alternattiva tajba, meta mqabbel mal-użu mill-ġdid, li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent meta din tkun iġġustifikata minn analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja. Il-Finlandja jiddispjaċiha li l-Kunsill ma indirizzax din il-kwistjoni fl-approċċ ġenerali tiegħu u ser tkompli taħdem biex dan jitqies f'negozjati ulterjuri bejn il-koleġislaturi."